



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 31 ta' Mejju 2013 (10.06)
(OR. en)**

10257/13

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0175 (NLE)**

**EEE 21
STATIS 43**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	31 ta' Mejju 2013
Nru dok. Cion:	COM(2013) 335 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li temenda l-Protokoll 30 ta' mal-Ftehim ŻEE, dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2013) 335 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2013
COM(2013) 335 final

2013/0175 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
li temenda l-Protokoll 30 ta' mal-Ftehim ŻEE,
dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-
istatistika**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġenjità meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-UE fil-Ftehim ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tiegħu.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 30. L-Istati tal-EFTA taż-ŻEE għandhom l-għan li jkomplu jipparteċipaw fil-programm statistiku pluriennali tal-UE. Minħabba li l-pakkett finanzjarju tal-programm statistiku Ewropew tal-2013-17 ġie stabbilit għall-2013 biss, u għalkemm il-qafas finanzjarju għall-perjodu li jkopri mill-2014 sal-2017 għadu jrid jintlaħaq qbil dwaru, il-parteeċipazzjoni fil-programm għall-2013 suppost diġà ntlaħaq qbil dwarha mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Għaldaqstant, l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt jinkorpora l-programm statistiku Ewropew ġdid tal-2013-17 fil-Protokoll 30 ta' mal-Ftehim ŻEE għas-sena 2013.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni dwar Deċiżjonijiet bħal dawn.

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
li temenda l-Protokoll 30 ta' mal-Ftehim ŻEE,
dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam
tal-istatistika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, il-Protokoll 30 ta' miegħu.
- (3) Il-Protokoll 30 ta' mal-Ftehim ŻEE fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17³ jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-2013 maħsub għall-implimentazzjoni tal-programm statistiku Ewropew tal-2013-17. L-allokazzjoni finanzjarja għall-perjodu li jkopri mill-2014 sal-2017 għadu jrid jintlaħaq qbil dwarha.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

³ ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12.

- (5) Il-programm statistiku taż-ŻEE tal-2013 għandu jkun ibbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 u għandu jinkludi daww l-elementi tal-programm li huma meħtieġa għad-deskrizzjoni u għall-monitoraġġ tal-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali rilevanti kollha taż-Żona Ekonomika Ewropea.
- (6) Għalhekk, il-Protokoll 30 ta' mal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2013.
- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni li jinsab mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 30 ta' mal-Ftehim ŻEE, se tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

Anness

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta'

**li temenda l-Protokoll 30 ta' mal-Ftehim ŻEE,
dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam
tal-istatistika**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u
b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17⁴ jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-2013 maħsub għall-implimentazzjoni tal-programm statistiku Ewropew tal-2013-17. L-allokazzjoni finanzjarja għall-perjodu li jkopri mill-2014 sal-2017 għadu jrid jintlaħaq qbil dwarha.
- (2) Il-programm statistiku taż-ŻEE tal-2013 għandu jkun ibbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 u għandu jinkludi dawk l-elementi tal-programm li huma meħtieġa għad-deskrizzjoni u għall-monitoraġġ tal-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali rilevanti kollha taż-Żona Ekonomika Ewropea.
- (3) Għalhekk, il-Protokoll 30 ta' mal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2013.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 4 (Modernizzazzjoni tal-Istatistika Ewropea tal-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS)) tal-Protokoll 30 ta' mal-Ftehim ŻEE:

⁴ ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12.

"Artikolu 5

Il-Programm Statistiku tal-2013

1. Il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17 kif stabbilit mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li qed issir referenza għalih fil-paragrafu 4, jikkostitwixxi l-qafas għall-azzjonijiet statistiċi taż-ŻEE li għandhom jitwettqu bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2013. L-oqsma prinċipali u t-temi statistiċi kollha tal-programm statistiku Ewropew tal-2013-17 jitqiesu li huma rilevanti għall-kooperazzjoni statistika taż-ŻEE u huma miftuħa għall-parteċipazzjoni sħiħa mill-Istati tal-EFTA.
2. Programm Statistiku taż-ŻEE speċifiku għall-2013 huwa żviluppat b'mod konġunt mill-Uffiċju tal-Istatistika u l-Eurostat. Il-Programm Statistiku taż-ŻEE għall-2013 jissejjes fuq subsett tal-programm ta' ħidma annwali mħejji mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ssir referenza għalih fil-paragrafu 4, u jitfassal b'mod parallel miegħu. Il-Programm Statistiku taż-ŻEE għall-2013 jiġi approvat mill-Partijiet Kontraenti skont il-proċeduri interni tagħhom stess.
3. Għall-2013, l-Istati tal-EFTA, f'konformità mal-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim u mar-Regolamenti Finanzjarji ta' miegħu, jagħtu kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal 75 fil-mija tal-ammont indikat fil-linji baġitarji 29 02 05 (Programm statistiku Ewropew 2013-17) u 29 01 04 05 (Politika ta' informazzjoni statistika – In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva) inklużi fil-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2013.
4. Dan l-Artiklu għandu fil-mira l-att segwenti:
 - **32013 R 0099:** Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada li ssir l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE⁵.

Hija tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2013.

⁵ [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'it-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE